FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 14 TA' OTTUBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur Sylvana Briffa

vs

Ivan Mula

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 572280M akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn it-18 ta' Novembru 2012 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru I-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. lkkagunajt griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Iona Marie Scicluna minn Haz Zabbar. skond kif iccertifika Dr. Jesmond Cassar MD mic-Centru tas-Sahha ta' Paola;

2. u aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi. volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli ghad-dannu tal-istess Iona Marie Scicluna minn Haz Zabbar, liema hsarat jiskorru l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69);

3. u aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill- privat li jarresta lill-hati, arrestajt, zammejt jew issekwestrajt lil Iona Marie Scicluna minn Haz Zabbar kontra l-volonta' taghha;

4. talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ikkommettejt serq ta' oggetti, kif ukoll ta' dokumenti f'isem Iona Marie Scicluna minn Haz-Zabbar. liema serq li huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, kif ukoll bil-lok sar ghad-detriment tal- imsemmija Iona Marie Scicluna minn Haz Zabbar u/jew persuni ohra;

5. f'dawn il-gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi minghajr hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita dritt li tippretendi li ghandek gieghelt bl-awtorita tieghek innifsek lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil xi hadd fil-pusses ta' hwejgu jew hattejt bini, jew ksirt il-mixi tal-ilma jew hadt ilma ghalik jew b'xi mod iehor kontra l-ligi indhalt fi hwejjeg haddiehor;
6. aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ikkagunajt biza li ser tintuza vjolenza kontra Iona Marie Scicluna minn Haz Zabbar, meta int kont taf jew imissek kont taf li, b'tali mgieba tieghek, ser tikkaguna lil haddiehor biza';
7. talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi heddidt lil Iona Marie Scicluna minn Haz Zabbar bi kliem, gesti jew affarijiet ohra;
8. talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, kiser il-provediment tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Iona Marie Scicluna minn Haz Zabbar ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti hija mitlba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali billi dehrlu li mill-kumpilazzjoni tista' tirrisulta xi htija jew htijiet fl-imputat taht l-artikoli tal-ligi hemm citati;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tinstema u tigi deciza minn dina l-Qorti:

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Mill-provi jirrisulta li l-akkuzi huma segwitu ghall-incident li gara gewwa fond numru 8, Sqaq San Frangisk, Zabbar, proprjeta' tal-kwerelanti Iona Marie Scicluna. Jirrisulta li hi u l-imputat kienu minn xi xhur jabitaw flimkien fdan l-appartament. Fil-gurnata 'de quo' l-partijiet illitigaw tant li intervenew il-pulizja flimkien ma' missier il-kwerelanta u wara li dawn telqu hi allegat li rega' qam argument bejnithom u hu dwar dan it tieni allegat argument li hi dahlet rapport mal-pulizija li jikkomprendi l-akkuzi dedotti fic-citazzjoni. Dawn jimputaw lill-imputat: li ikkagunalha griehi gravi; li volontajament ikkaguna hsara lil proprjeta' tal-kwerelanta; ta' arrest, detenzjoni u sekwestru; ta' serq; ta' ragjon fattasi; tal-ikkagunar ta' biza li ser tintuza vjolenza; ta' ksur tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 u bl-offiza kontravenzjonali ta'theddid.

Fil-konfront dawn l-akkuzi u fid-dawl tal-provi mressaq quddiema, l-Qorti ghandha s-segwenti xi tghid u appositament ser tibda biex titratta l-akkuza tal-ferita gravi billi din ghandha tinfluixxi fuq almenu l-magjoranza tal-akkuzi l-ohra:

Dwar din l-akkuza li tikkonsisti, u dan kif certifikat minn tabib, fi ksur tal-imnieher, u ghalhekk hija gravi 'per natura', jirrisulta minn ritrattazjoni tal-istess kwerelanta illi ma kienx minnu li giet lilha ikkawzata mill-imputat.lgifieri, l-kwerelanta in 'faciem curiae', u mhux biss, affermat li ma qalitx il-verita' meta ghamlet ir-rapport taghha kontra l-imputat lill-Pulizija. Il-Qorti mhux ser tikkummenta aktar ghajr ghall-fatt li din tar-ritrattazzjoni tinkwina x-xhieda kollha taghha tali li tirrendiha mhux affidabbli. Konsegwenza ta' dan hi li l-akkuzi li jorbtu unikament max- xhieda taghha ma jreggux. Tali huma l-akkuza numru tnejn, numru tlieta u numru erba. Ghal dak li jikkoncerna l-akkuza numru sitta din ma treggix ukoll minhabba li ma giex ippruvat fil- konfront taghha 'a system of conduct'. Dwar l-akkuza numru hamsa u seba hemm ir-rlnunzja tal-kwerelanta registrata a folio 61li baqghet ferma nonostante li l-imputat, kifkien dritt tieghu, ghazelli l-proceduri jitkomplew meta fl-istess sfond irtira, in segwitu, l-ammissjoni ghall-akkuzi li kien irregistra.

Esawrita t-trattazzjoni tal-akkuzi riportati kontra tieghu l-Qorti qeghdha ghaldqastant tiddikjara l-imputat mhux hati u qeghdha ghaldaqstant tilliberah.

A.M.Trigona

Magistrat